**26 ta' Mejju, 1989**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi LL.D.**

John Lowell *noe et*

*versus*

Onor. Carmelo Caruana *et*

**Nota ta' Appell – Korrezzjoni – Żieda fin-Nota**

*Hemm ġurisprudenza kostanti li talba għall-korrezzjoni konsistenti f'żieda fin-nota ta' l-appell tad-data ta' sentenza li tħalliet barra ma tistax issir għax inkella tkun qed tippermetti li jsir appell minn sentenza li ma tkunx ġiet imsemmija espressament skond ma hu*

*rikjest mil-liġi.*

*Waqt li l-artikolu 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippermetti korrezzjoni ta' żball ta' data ta' sentenza, ma jgħidx li meta hemm totali ommissjoni ta' data din tkun tista' tiġi miżjuda.*

Il-Qorti: –

Rat id-deċiżjoni parzjali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-14 ta' Awissu, 1972, fejn jinsabu riportati t-talbiet ta' l-atturi *nomine* u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* u li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba attriċi fis-sens li l-konvenuti *nomine* ġew iddikjarati responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi *nomine* skond it-talba, bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet, iżda bid-dritt tar-reġistru għall-konvenuti *nomine;* u l-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni fuq it-tieni talba (i.e. għall-kundanna tal-konvenuti *nomine* sabiex iħallsu dawk id-danni li jiġu llikwidati minn din il-Qorti, okkorrendo b'opra ta' periti nominandi;

Rat id-digriet ta' l-istess Qorti tal-15 ta' Novembru, 1972, li bih ġie nnominat bħala perit tekniku, bil-fakultajiet soliti l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Ellul Vincenti assistit mill-Avukat Dottor Anton Depasquale sabiex jillikwida d-danni pretiżi mill-atturi *nomine* wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine;*

Rat ir-rapport peritali ppreżentat fit-18 ta' Frar, 1975, u debitament maħluf fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 1975, quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll il-verbal tas-seduti u d-dokumenti annessi miegħu;

Rat il-verbal reġistrat fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 1975,

quddiem dik l-istess Qorti li permezz tiegħu l-Avukat Dottor Vincent Falzon għall-atturi rrimetta ruħu għar-rapport peritali;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ġunju, 1975, li biha wara li kkunsidrat li:

"Fir-rapport peritali, wara li ġew meħuda in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti għall-każ, ġiet illikwidata favur l-atturi *nomine,* in linea ta' danni, is-somma ta' disat elef u seba' mitt lira Maltija (Lm9,700), kif dettaljata fl-i"*statement*" anness ma' l-istess rapport ma' liema likwidazzjoni din il-Qorti jidhrilha li għandha taqbel in vista tal-konsiderazzjonijiet li wasslu għaliha"; prevja adozzjoni tal-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet peritali, laqgħet it-tieni talba attriċi billi kkundannat lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-atturi *nomine* in linea ta' danni s-somma fuq imsemmija ta' Lm9,700 bl-ispejjeż (barra dawk ġà deċiżi) kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti li biha peress li ħassewhom aggravati "bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-**19 ta' Ġunju, 1975** fil-kawża fl-ismijiet premessi, interponew appell minnha;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenuti li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenzi ta' l-ewwel Onorabbli Qorti mogħtija fl-**14 ta' Awissu, 1972** u fid-**19 ta' Awissu, 1975,** u tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż deċiżi kontra tagħhom u dawk ta' l-appell kontra l-atturi *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-appellati li biha ssottomettew li ż-żewġ sentenzi msemmija huma ġusti u jimmeritaw konferma u għalhekk l-appell tal-konvenuti *nomine* għandu jiġi miċħud bl-

ispejjeż kontra tagħhom;

Rat ir-rikors ta' l-appellanti ppreżentat fis-7 ta' Marzu, 1978, li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti prevja s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tordna l-korrezzjoni tan-nota ta' l-appell tagħhom billi r-riferenza għas-sentenza mogħtija ssir tinqara fil-plural u tiżdied id-data "fl-14 ta' Awissu, 1972 u" qabel id-data li hemm, kif maħsub fl-artikolu 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat ir-risposta ta' l-appellati *nomine* li biha, opponew għall-korrezzjoni mitluba;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti fuq il-kwistjoni tal-korrezzjoni mitluba;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-appellanti tad-19 ta' Awissu, 1986, li bih talbu li jiġi prodott bħala xhud l-Avukat Dottor Joseph Borg biex jispjega li n-nuqqas ta' indikazzjoni tas-sentenza ta' l-14 ta' Awissu, 1972, fin-nota ta' l-appell kien dovut għal "*lapsus* fil-foga tax-xogħol";

Rat ir-risposta ta' l-appellati li biha opponew għal din it-talba;

Rat il-kontrorisposta ta' l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi dak li ser jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa limitat għall-kwistjonijiet issollevati mill-appellanti fir-rikorsi tagħhom indikati, u ċjoè:

1. Primarjament tistax tiġi akkolta t-talba għall-korrezzjoni fin-nota ta' l-appell fis-sens li tiżdied data ta' sentenza oħra li minnha l-appellanti jridu wkoll jappellaw;

2. Jistax jiġi prodott l-Avukat Borg jixhed;

3. X'inhi l-posizzjoni legali *una volta* deċiżi dawn it-talbiet;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-proċess u anki mill-istess dikjarazzjonijiet ta' l-appellanti li għalkemm bil-petizzjoni tagħhom ta' l-appell huma qed jappellaw mis-sentenza preliminari ta' l-ewwel Qorti ta' l-14 ta' Awissu, 1972 kif ukoll minn dik tad-19 ta' Ġunju, 1975, fin-nota ta' l-appell huma ndikaw biss is-sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975 bħala s-sentenza li minnha kienu qed jinterponu appell. Għalhekk talbu korrezzjoni fin-nota ta' l-appell fit-termini ta' l-artikolu 175(2) tal-Kodiċi msemmi;

Kwistjoni simili mhix l-ewwel darba li nqalgħet quddiem din il-Qorti anzi nqalgħet diversi drabi u d-deċiżjonijiet relattivi dejjem kienu fis-sens li talba simili ċjoè għall-korrezzjoni konsistenti f'żieda fin-nota ta' l-appell tad-data ta' sentenza li tħalliet barra ma tistax issir;

Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha ta' l-1 ta' Frar, 1984 *in re* Carmelina Formosa *et vs* Carmelo Grech

*et nomine* fejn f'każ identiku, b'riferenza għall-ġurisprudenza preċedenti ddeċidiet fit-termini ta' l-artikolu 231(1) tal-Kodiċi msemmi (Ediz. Riv. 1984) talba għall-korrezzjoni simili ma tistax tiġi akkolta għax inkella tkun qed tippermetti li jsir appell minn sentenza li ma tkunx ġiet imsemmija espressament skond ma hu rikjest mil-liġi. Inoltre waqt li l-artikolu 175(2) jippermetti korrezzjoni ta' żball ta' data ta' sentenza ma jgħidx li meta hemm totali ommissjoni ta' data din tkun tista' tiġi miżjuda;

Din il-Qorti ma tarax li fuq l-argumenti ta' l-appellanti għandha tvarja l-ġurisprudenza preċedenti tagħha li magħha taqbel. Dan jiddirimi l-mertu ta' l-ewwel rikors ta' l-appellanti;

Kwantu għat-tieni rikors is-soluzzjoni hi waħda pedissekwa u faċli. Dana għaliex *assumendo li si trattava* ta' żball mhux intenzjonat, billi l-korrezzjoni mitluba ma tistax tingħata, ikun superfluwu li jitla' jixhed Dr. Borg biex jikkonferma li *si trattava* ta' żball konsistenti "f'*lapsus* fil-foga tax-xogħol". għalhekk din il-Qorti ma tistax takkolji t-talba relattiva;

Għal dawn il-motivi fl-ewwel lok tiċħad it-talba ta' l-appellanti kontenuta fir-rikors tagħhom tad-19 ta' Awissu, 1986, għall-produzzjoni tax-xhud Dr. Joseph Borg, fit-tieni lok tiċħad it-talba ta' l-appellanti kontenuta fir-rikors tagħhom tas-7 ta' Marzu, 1978 (fol. 188) għall-korrezzjoni tan-nota ta' l-appell, u fit-tielet lok tiddikjara li billi fin-nota ta' l-appell ma hemmx menżjoni tas-sentenza ta' l-14 ta' Awissu, 1972 ma hemmx appell minn dik id-deċiżjoni. Fl-aħħarnett tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ ta' l-appell mis-sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975. L-ispejjeż ta' l-inċidenti deċiżi llum ikunu kollha a kariku ta' l-appellanti.